



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9040/23

LIMITE

CORLX 462
CFSP/PESC 655
CSDP/PSDC 336
COPS 218
CSC 212

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	3 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konsegwenzi tal-fatt li d-Danimarka infurmat lill-Istati Membri l-oħra li ma tixtieqx tibqa' tagħmel użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument HR(2023) 118.

Mehmuż: HR(2023) 118

HR(2023) 118
Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill

tat-03/05/2023

għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konsegwenzi tal-fatt li d-Danimarka infurmat lill-Istati Membri l-oħra li ma tixtieqx tibqa' tagħmel użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea

HR(2023) 118
Limited

HR(2023) 118
Limited

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' jj/xx/2023

**dwar il-konsegwenzi tal-fatt li d-Danimarka infurmat lill-Istati Membri l-oħra
li ma tixtieqx tibqa' tagħmel użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni
tad-Danimarka u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi Faċilità
Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-
Kunsill 2014/401/PESK dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni
Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1), 31(1),
41(2), 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-
Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat
dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn
'il quddiem "il-Protokoll"), sat-30 ta' Ġunju 2022, id-Danimarka ma pparteċipatx fl-
elaborazzjoni, fl-adozzjoni jew fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni
bbażati fuq l-Artikolu 26(1), l-Artikolu 42, u l-Artikoli 43 sa 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni
Ewropea ("TUE") li kellhom implikazzjonijiet ta' difiża. Sal-istess data, id-Danimarka ma
kkontribwietx għall-finanzjament tan-nefqa operazzjonali li tirriżulta minn dawn il-miżuri u
ma qegħditx kapaċitajiet militari għad-dispożizzjoni tal-Unjoni.
- (2) Fl-1 ta' Ġunju 2022, sar referendum fid-Danimarka dwar ir-revoka tan-nonparteċipazzjoni fil-
qasam tad-difiża stabbilita fl-Artikolu 5 tal-Protokoll.

HR(2023) 118

Limited

- (3) F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Protokoll, id-Danimarka infurmat lill-Istati Membri l-oħra li mill-1 ta' Lulju 2022 ma xtaqitx tibqa' tagħmel użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll, permezz ta' ittra mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tagħha fl-20 ta' Ġunju 2022.
- (4) Skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll, mill-1 ta' Lulju 2022, id-Danimarka tapplika bis-sħiħ il-miżuri rilevanti kollha fis-seħħ f'dik id-data meħuda fil-qafas tal-Unjoni, u tinsab fl-istess pożizzjoni bħall-Istati Membri l-oħra fir-rigward tal-elaborazzjoni, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża. Mill-istess data, id-Danimarka tinsab fl-istess pożizzjoni bħall-Istati Membri l-oħra fir-rigward tal-kontribuzzjoni tagħha għall-finanzjament tan-nefqa li tirriżulta minn dawn il-miżuri, u għat-tqegħid ta' kapaċitajiet militari għad-dispożizzjoni tal-Unjoni.
- (5) Għaldaqstant, mill-1 ta' Lulju 2022, id-Danimarka tapplika d-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill abbażi tal-Artikoli rilevanti tat-Titolu V, Kapitolu 2, TUE. Bl-istess mod, minn dik id-data, id-Danimarka tapplika d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà skont l-Artikolu 38 TUE, it-tielet subparagrafu, dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet imsemmija fl-Artikoli 42 u 43 TUE, li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.
- (6) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi ċċarat li r-referenzi kollha għall-Artikolu 5 tal-Protokoll fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati skont it-Titolu V, Kapitolu 2 TUE u fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2022 ma baqgħux japplikaw minn dik id-data.
- (7) Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jiġihassru d-dispożizzjonijiet rilevanti fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati taħt it-Titolu V, Kapitolu 2 TUE u fis-seħħ fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, u li jimplimentaw l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'konsegwenza għall-fatt li d-Danimarka infurmat lill-Istati Membri l-oħra li mill-1 ta' Lulju 2022 id-Danimarka ma tixtieqx tibqa' tagħmel użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll:

- ir-referenzi kollha għall-pożizzjoni tad-Danimarka bbażata fuq l-Artikolu 5 tal-Protokoll, f'deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill skont it-Titolu V, Kapitolu 2, TUE, ma għandhomx jibqgħu japplikaw mill-1 ta' Lulju 2022;

HR(2023) 118

Limited

- ir-referenzi kollha għall-pożizzjoni tad-Danimarka bbażata fuq l-Artikolu 5 tal-Protokoll, f'deċizzjonijiet adottati mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà skont l-Artikolu 38(3) TUE dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet imsemmija fl-Artikoli 42 u 43 TUE, li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża, ma għandhomx jibqgħu japplikaw mill-1 ta' Lulju 2022.

Artikolu 2

Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509¹ li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċizzjoni (PESK) 2015/528, hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 5(4) huwa mħassar;

(2) L-Artikolu 26(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-approprijazzjonijiet ta' pagament fil-parti ġenerali tal-baġit għan-nefqa ta' appoġġ u dik preparatorja fuq l-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18 (3) għandhom ikunu koperti minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri."

(3) L-Artikolu 45(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ispejjeż komuni tal-eżerċizzji tal-Unjoni għandhom jiġu ffinanzjati permezz tal-Faċilità skont ir-regoli u l-proċeduri simili għal dawk ta' operazzjonijiet li għalihom jikkontribwixxu l-Istati Membri kollha."

(4) L-Artikolu 52(7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta jiġi deċiż li l-Faċilità tkun ser iżżomm it-tagħmir iffinanzjat b'mod komuni għal operazzjoni, l-Istati Membri kontribwenti jistgħu jitolbu kumpens finanzjarju mill-Istati Membri l-oħra. Il-Kumitat għandu jieħu d-deċizzjonijiet xierqa fuq il-bażi ta' proposta mill-amministratur għall-operazzjonijiet."

¹ ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14.

HR(2023) 118

Limited

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK² dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 10(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-dħul tas-SATCEN għandu jikkonsisti minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri skont l-iskala tad-dħul gross domestiku, minn pagamenti li jsiru bħala ħlas għal servizzi mogħtija u minn dħul varju."

(2) L-Artikolu 17 huwa mħassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

² ĠU L 188, 27.6.2014, p. 73.